MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2009

Talba Numru. 740/2007

**Joanna Beirne (KI 109199M)**

**Vs**

**John Beirne (KI 14144A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fit-2 ta' Ottubru 2007, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attrici s-somma ta' elf mija disgha u tletin Lira Maltija u erbgha u tletin centezmu (Lm1139.34) (€2653.95) rapprezentanti l-ispejjez ghall-edukazzjoni u ghas-sahha tal-minuri Sean Beirne skond il-prospett anness u mmarkat Dok JB1, liema spejjez gew inkorsi mill-attrici u huma dovuti mill-istess konvenut in linea mall-klawsola numru 2(vii) u 2(x) tal-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-

kontendenti ippubblikat nhar it-13 ta’ Marzu 2005 in atti n-Nutar Nicholas Vella (Dok JB2).
Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet sad-data tal-effettiv pagament.

Ra r-**Risposta** tal-konvenut fl-ismijiet premessi li permezz taghha eccepixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante:
1. School textbooks thallsu u l-konvenut ser jesebixxi l-ircevuti relattivi.
2. School uniforms thallsu u l-konvenut ser jesebixxi l-ircevuti relattivi.
3. Dwar pharmaceuticals l-attrici trid taghmel il-prova billi kull ma ezebiet huma kontijiet ta’ credit cards.
4. Dwar medical specialists l-istess bhal (3).
5. Activities, l-attrici ghandha tispjega x’inhuma dawn l-attivitajiet ghaliex trid tipprova li hija ntitolata ghalihom skond il-kuntratt ta’ separazzjoni.
6. School deposit – il-minuri hareg mill-iskola Chiswick u mar skola ohra u l-ftehim kien li l-attrici thallas nofs il-fee u l-attur hallas il-parti tieghu.

Sema` x-xhieda ta’ **John Beirne** li waqt is-seduta tas-26 ta’ Frar 2008 xehed bil-lingwa Ingliza illi kienet id-decizjoni tal-mara tieghu illi tnehhi t-tifel mic-Chiswick School. Rigward il-kotba tal-iskola huwa esebixxa kopja ta’ cheque datat 25 ta’ Settembru 2007 fl-ammont ta’ Lm143.06 f’isem l-attrici mmarkat Dok JB1 li jirrapprezenta propju l-kotba ta’ l-iskola. Rigwardanti l-uniformijiet fl-ammont ta’ Lm212.51 huwa esebixxa cheque rapprezentanti dak l-ammont flimkien ma’ xi spejjez ohra li gie mmarkat bhala Dok JB2. Fuq in-naha ta’ wara tac-cheque hemm ukoll indikat x’jirrapprezenta dan il-hlas. Dwar l-activities fl-ammont ta’ Lm61.50 jghid li ma ghandux idea ghal xiex jirreferu u mkien fil-kuntratt ta’ separazzjoni ma hemm stipulat illi hu ghandu jhallas xi spejjez relatati ma’ activities. Rigward il-hames u s-sitt items jghid li huwa dejjem hallas *Health Insurance* ghal binhom u jidher illi l-attrici ma ghamlitx il-claims relattivi. Huwa jesebixxi *insurance card* immarkata Dok JB3. Rigward medicini huwa jghid li lest li jaghmel tajjeb ghall-parti tieghu. Huwa jipprotesta ruhu ghall-fatt illi ma

jinghatax il-kontijiet medici fil-hin sabiex ikun jista` jaghmel il-claim hu imbaghad jigi rinfaccjat b'dawn il-proceduri.

In kontro-ezami l-istess xhud mistoqsi jekk jafx ghaliex it-tifel tnehha minn Chiswick jghid illi t-tifel ma kienx wisq issetiljat f'dik l-iskola. Mistoqsi jafx jekk it-tifel kellux jitnehha ghaliex il-mizati tal-iskola ma kienux qed jithallsu jghid li l-mizati kienu qed jithallsu regolarment. Is-sehem tieghu ghad-deposit tal-iskola San Andrea, l-iskola l-gdida, giet imhallsa u jista` jipproduci kopja tac-cheque jew tal-ircevuta relattiva. Huwa jipprometti wkoll li jipprovdi kopja tad-dokumentazzjoni relattivi ghall-Health Insurance Policy.

Waqt is-seduta tad-19 ta' Mejju 2008, il-konvenut pprezenta membership statement ta' PPP Health Care li turi li binhom Shawn huwa kopert b'full cover plan – Dok JB4.

Waqt is-seduta tat-23 ta' Gunju 2008 in kontro-ezami xehed illi huwa kien imposta l-policy lill-attrici tliet darbiet qabel din il-kawza u pprezenta statement ghas-sena li gejja mmarkata Dok JB3. Huwa jghid li t-tliet statements ta' qabel kien impostahom hu personalment gewwa r-residenza tal-attrici jew baghthom ma' binhom.

In ri-ezami huwa jghid li qatt ma gie mitlub verbalment mill-attrici sabiex jghaddilha kopja hlief ghal xi sms.

Sema` x-xhieda tal-attrici **Joanna Beirne** li ghamlet referenza ghall-istatement anness mal-avviz u xehdet illi mill-items hemmhekk indikati thallset biss Lm143.06 u xejn aktar.

Mistoqsija in kontro-ezami ghaliex kienet qed titlob l-ispejjez medici meta kien hemm full *health insurance* tghid li meta t-tifel kellu bzonn kura medika kienet infurmat lill-konvenut li kien qallha tmur taghmel kollox imbaghad tghaddilu l-karti izda meta giet biex tghaddilu l-ircevuti ma riedx jitkellem dwarhom.

In kontro-ezami, mistoqsija kif ittiehdet id-decizjoni li mic-Chiswick it-tifel jaqleb ghal San Andrea hija tispjega li kienu rcevew ittra mill-iskola li kienet tghid li jekk ma tithallasx il-mizata tat-tifel, kien ser jispicca barra mill-iskola. Hija kienet imbaghad hallset il-kont ta' Lm2900. Tghid li l-partijiet kienu attendew laqgha l-iskola fejn il-*headmistress* qaltlilhom li jekk ma kienitx ser tithallas il-mizata it-tifel ma setax jibqa` l-iskola. Suggerit lilha li r-ragel kien hallas Lm600 minn dan il-kont tghid li ma kienux parti mill-Lm2900 pero` ma teskludiex li r–ragel kien hallas xi Lm600 peress illi t-tifel ghamel 3 snin f'dik l-iskola. Hija tipprometti illi tipprova ssib kopja tal-ittra li rcevit mic-Chiswick.

Sema` x-xhieda ta' **Joseph Balzan**, Head Master Junior School Chiswick House School li waqt is-seduta tas-27 ta' Novembru 2008 xehed illi l-attendenza ta' Shaun Beirne minn Year 1 sa Year 3 kienet dejjem regolari u l-hlas ta' mizati kien regolari. Kien hemm xi problemi min-naha tal-accounts mal-genituri tat-tifel pero` kienu gew solvuti. Jghid li dak iz-zmien it-tifel kellu xi *behavioural problems* li rrizultaw minn ittri li kienu jibaghtu minn genituri ta' tfal ohrajn fl-istess klassi kif ukoll mir-records tat-teachers. Jikkonferma li kien hemm problemi dwar hlas tal-*facilitator* ta' Shaun li kellhom ihallsuha direttament il-genituri. Minhabba l-problemi ta' hlas mal-*facilitator* jghid li kellhom iqabbdu wahda bhala skola u jhallsu ghaliha, imbaghad jibbiljaw lill-genituri. Ix-xhud jikkonferma li l-hlas tal-facilitator imqabbda mill-iskola sar mill-attrici. Mistoqsi jekk l-avviz ghall-hlas intbaghtx liz-zewg partijiet jghid li bhala norma meta jkun hemm separazzjoni l-avviz johrog fuq iz-zewg partijiet. Jghid ukoll li ma jafx ghaliex it-tifel ma baqax jattendi l-iskola izda huma ma keccewhx.

Waqt is-seduta tat-2 ta' Marzu 2009, Joseph Balzan xehed illi t-tifel Sean ma baqax imur ic-Chiswick fuq decizjoni tal-genituri u mhux ghax tkecca. Jghid ukoll illi f'email li baghtlu l-konvenut, kien talbu ghad-dettalji tal-*facilitator* biex ikun jista` jibghatilha c-cheque u hu kien ipprovdihomlu. Jghid li r-rata tal-facilitator kienet ta' Lm4.00 fis-siegha. Jghid li mbaghad imbidlet il-facilitator u s-sistema saret li l-iskola thallas lill-facilitator imbaghad

jintbaghat il-kont lill-genituri. Jghid ukoll li vverifika mal-accounts u kwazi thallas kollox, baqa` xi haga zghira pendenti.

Sema` x-xhieda ta’ **Claudine Gauci** in rapprezentanza ta’ l-Atlas Health Care Insurance Agency li waqt l-istess seduta xehdet bil-lingwa Ingliza illi hija tikkonferma li s-subscriber taghhom huwa John Beirne u ghandu dependent wiehed inxurjat fuq il-policy li hu Shaun Beirne. Hija tikkonferma li ma ghandhom ebda komunikazzjoni ma’ Joanne Beirne fir-rigward tal-polza in kwistjoni.

In kontro-ezami x-xhud tghid li il-policy hija *health insurance policy* u ghalhekk tkopri spejjez medici fil-polza. Tghid ukoll li l-polza kienet ilha operativa minn Gunju.

In ri-ezami l-istess xhud tghid li minn Gunju tal-2004 ma kien hemm ebda korrispodenza ma’ Joanna Beirne.

Ra n-**nota ta’ sottomissjonijiet finali** tal-partijiet.

Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollhappresentati u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra :

Illi qabel xejn il-pendenza wasslet sa hawn minhabba dak li irrizulta b’mod evidenti li huwa pika bejn il-kontendenti, genituri tal-minuri Shaun. Illi ma hemmx dubbju illi z-zewg kontendenti ghandhom ghal qalbhom l-interessi tal-istess minuri, izda biss ghal pika li tezisti bejn il-partijiet, huma qed jinhlew jippikaw ma’ xulxin b’detriment ghall-interessi ta’ l-istess minuri – forsi ukoll minghajr ma jirrealizzaw huma stess. Kawzi bhal dawn ghandhom dejjem jigu evitati u l-partijiet ghandhom jagixxu sensibilment fl-ahjar interess tal-minuri u tar-relazzjoni taghhom stess dwar l-istess minuri.

Illi l-attrici qed titlob il-hlas ta’ €2653.95 (gja Lm1139.34) minghand il-konvenut u rappresentanti spejjes inkorsi minnha relattivi ghall-minuri, kif spjegat f’DOK JB1 anness

ma' l-Avviz, imma in sintezi spejjes konessi ma' l-edukazzjoni u s-sahha tal-minuri.

Illi l-klawsola 2(viii) tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-kontendenti – ukoll esebit mal-Avviz, jghid espressament :

*The parties declare that Sean currently attends Chiswick House School and agree that the said minor shall continue to attend private school until he completes his secondary education. The parties agree that all bills and expenses relating to the minor children's education (including tuition fees, donations, school transport, books, stationary and adequate sets of school uniforms) shall be borne by appearer John Bearne upon the presentation of copies of receipts or invoices.*

Minn naha l-ohra, l-klawsola 2(x) taqra hekk :

*The appearer John Beirne obliges himself to purchase a Health Insurance Policy in the name of his son Sean and in the case that such is not possinle due to a health history of his minor son, then appearer John Beirne obliges himself to pay any medical expenses that will be necessary even if of an extraordinary nature.*

Illi in effetti l-Avviz tar-rikorrenti huwa ppernjat fuq dawn iz-zewg klawsoli, li essendo il-kuntratt bejn il-kontendenti, jifformaw ligi bejn il-kontendenti.

Illi fir-risposta tieghu, l-konvenut essenzjalment jghid illi :

1) Dwar school textbooks u school uniforms (allura items 2 u 3 fuq DOK JB1) – ighid illi dawn hallashom hu. Dawn jammontaw ghal €828.26 (gja Lm355.57) mis-somma mitluba.
2) Dwar l-items pharmaceuticals u medical specialists (allura items 5 u 6), il-konvenut talab illi jinghata aktar informazzjoni u li l-attrici tipprova tali spejjes.
3) Dwar item 4, activities, jitlob spejagazzjoni u jsaqsi jekk dawn hux intitolata ghalihom ai termini tal-kuntratt. Hawnekk t-talba hija ta' €143.26 (gja Lm61.50).

4) Finalment dwar item 1 – school deposit – ammontati ghal €698.81 (gja Lm300) – il-konvenut ighid illi l-ftehim kien li t-tifel imur skola ohra bil-mizata tithallas nofs bin-nofs bejn il-kontendenti.

**ITEMS 2 U 3**

Illi t-Tribunal sejjer qabel xejn jara jekk il-konvenut irnexxilux jipprova il-hlas minnu allegatament maghmul ai termini ta' l-ewwel eccezzjoni tieghu – ossia dwar is-somma ta' €828.26 rappresentanti school textbooks u school uniforms. Minn naha taghha l-attrici esebiet l-invoice/cash sale datata 13 ta' Settembru 2007 ta' Palmyra ghat-textbooks u l-istationary (fol 10) fl-ammont indikat f'DOK JB1 u ammont ta' ricevuti ta' hlasijiet bil-credit card jew cashlink ghall-hlasijiet minnha maghmula ghall-uniformijiet, b'diversi dati differenti, minn Frar 2005 ghal Settembru 2005, minn Ottubru 2006 ghal Novembru 2006, ammontanti ukoll ghas-somma ta' €495.02 (gja Lm212.51) kif dikjarat f'DOK JB1.

Illi gja la darba ghal dawn l-ammonti l-konvenut stqarr u eccepixxa illi huwa kien hallashom, allura kien jispetta lilu illi jipprova dan.

Illi dwar item 2 fl-ammont ta' €333.24 (gja Lm143.06), il-konvenut esebixxa kopja ta' cekk minnhu mahrug fid-data tal-25 ta' Settembru 2007 (fol 45), li jirrizulta li kien msarraf u pagabbli lill-attrici. Jirrizulta li c-cekk relattiv inhareg ftit granet wara l-cash sale ta' Palmyra u msarraf jumejn wara illi nhareg ic-cekk – u ghalhekk it-Tribunal iqis illi **item 2** in effetti kienet thallset mill-konvenut u l-attrici ma kelliex terga` tirriklamhom hawnekk.

Dwar item 3, allura relattiv ghall-uniformijiet, il-konvenut jesebixxi kopja ta' cekk mahrug fis-26 ta' Ottubru 2006 (fol 47), mahrug fuq isem l-attrici u msarraf l-ghada – u dan fl-ammont ta' €575.36 (gja Lm247), li fix-xhiedha tieghu jispejga illi dawn kienu jkopri item 3 u xi oggetti ohra li kien mitlub ihallas. Fuq in-naha ta' wara tac-cekk ukoll hemm indikazzjoni ta' xiex kienu qed jithallas dak ic-cekk – li tinkludi appuntu item 3 – uniforms.

F'dan il-kuntest ghalhekk, it-Tribunal jaqbel mal-konvenut illi huwa hallas **item 3** u in effetti l-attrici ma kelliex terga` tirriklamhom minghand il-konvenut.

**ITEMS 5 U 6**

Dwar items 5 u 6, pharmaceuticals u medical specialists ammontanti ghas-somma komplessiva ta' €983.62 (Lm422.27) – il-konvenut ighid illi l-attrici trid tipprova tali spejjes minnha inkorsi.

L-attrici esebiet elenku (minn fol 20 sa fol 29) inkluz minn kopji ta' l-ircevuti relattivi u t-Tribunal jidhrilu, mill-apprezzament maghmul tal-provi mressqa, illi l-attrici ppruvat sewwa l-pretensjoni taghha ai temrini ta' items 5 u 6.

Dwar l-istess items, il-konvenut ighid illi l-obbligu tieghu naxxenti mill-kuntratt ta' separazzjoni kien illi jhallas u jzomm polza ta' assikurazzjoni ghas-sahha tal-minuri – haga li jaghmel u dan ippruvah anke permezz ta' xhiedha u dokumenti mressqa. Jghid illi minkejja illi l-attrici taf bil-polza, hija ma tavvanzax l-ispejjes minnha inkorsi lill-istess assikurazzjoni. B'dana kollu il-konvenut ighid illi pero` huwa lest illi johrog s-sehem tieghu mill-istess spejjes, anke jekk jipprotesta ruhu illi huwa ma jircevix l-ircevuti fiz-zmien sabiex jressaqhom lill-assikurazzjoni. Ghal dan l-attrici tghid illi meta ghadditlu l-karti relattivi – hu ma riedx jaf bihom.

Minn dan kollu it-Tribunal isib illi jkun fl-interess tat-tnejn illi una volta illi tithallas polza ta' l-assikuarazzjoni, allura jsiru l-proceduri idoenji mit-tnejn sabiex spejjes medici u ohrajn relattivi koperti bl-assikurazzjoni jigu rifuzi u koperti appuntu mill-polza ta' l-assikurazzjoni. Fil-frattemp, mill-assjem tal-provi kollha migbura u mid-dikjarazzjonijiet kollha maghmula, it-Tribunal isib illi huwa ekwu u giust illi items 5 u 6 jigi maqsuma ugwalment bejn il-kontendenti.

It-Tribunal irid jaghmilha cara pero` illi din il-konkluzjoni qed issir a bazi tad-dikjarazzjoni maghmula mill-istess

konvenut illi kien lest johrog nofs l-ispejjes msemmija u allura ma ghandux ifisser illi fil-futur kull spejjes medici ghandhom jinqassmu nofs bin-nofs. L-obbligi li ghandu l-konvenut ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni huwa car – u kif jinghad hawn aktar il-fuq, huwa ukoll fl-interess tal-attrici illi tara illi jigu osservati il-proceduri ta' l-assikurazzjoni sabiex tali spejjes jigu minnha rimborsati.

Dan anke ghaliex finalment irid jigi maghdud illi l-konvenut ma naqasx mill-obbligu tieghu ai termini tal-klawsola 2(x) tal-kuntratt – il-polza ghamilha u qeghda fis-sehh u dak l-obbligu li kellu hu. L-obbligu li jhallas spejjes medici kollha hu qeghda biss fil-kaz illi polza ta' l-assikurazzjoni ghat-tifel huwa ma jottenix – haga illi hawnekk mhux il-kaz.

Ghalhekk it-Tribunal sejjer jaqsam bejn iz-zewg kontendenti fi kwoti ugwali bejniethom l-ispejjes relatati ma' items **5** u **6**.

**<u>ITEM 1</u>**

Dwar item 1, l-*ischool deposit* ta' €698.81 (gja Lm300), mhallsa lill-*Parents Foundation for Education* ghall-bidla tal-iskola tat-tifel minuri taghhom, jinghad illi ma jidhrix kontestat illi thallas dak l-ammont – in ogni caso, l-attici ppresentat ic-cekk relattiv ghal hlas minnha maghmul.

Dwar din l-item il-kuntratt ta' separazzjoni ma jistipula xejn – anzi, jekk xejn jghid illi t-tifel minuri kellu jinzamm fl-iskola Chiswick.

Dwar dan, il-konvenut ighid illi l-attrici qed titlob Lm300 li huma s-sehem taghha – peress illi d-depositu kien ta' Lm600 u ghalhekk huwa diga` hallas s-sehem tieghu ta' Lm300. Jgihd ukoll illi kien hemm ftehim illi jithallas nofs bin-nofs – u ghalhekk ma hemmx raguni ghalfejn qed titlob il-hlas tat-Lm300 sehem taghha minn ghandu.

Minn naha taghha l-attrici issostni illi t-tifel kellu jibdel l-iskola peress illi c-Chiswick ma kienux rieduh aktar peress illi l-mizati ma kienux qed jithallsu u skond il-kuntratt, kellu jkun il-konvenut li jhallas.

Dan pero` gie kontradett minn Joseph Balzan – Head Master Junior School Chiswick – li qal illi “*ma nafx x’kienet ir-raguni ghaliex it-tifel ma baqax jattendi l-iskola. Jiena nista` nghid biss illi t-tifel ahna ma keccejnihx.*”

F’dan il-kuntest allura u bil-fatti kif jirrizultaw, it-Tribunal ma jistghax jikkondividi l-posizzjoni ta’ l-attrici illi it-tifel kellu jibdel skola minhabba inadempjenzi tal-konvenut u ghalhekk spiza zejda bhal din irid jassorbiha l-konvenut wahdu. Konvint it-Tribunal illi l-konvenut gja hallas s-sehem tieghu mis-Lm600, allura ma jistghax jakkolja t-talba attrici relattiva ghal **item 1** u jhoss illi l-fatt illi s-Lm600 depositu mhallas lill-iskola l-gdida inqasam nofs bin-nofs huwa ekwu u giust. F’dan il-kuntest, it-Tribunal sejjer jichad it-talba ai termini ta’ item 1.

**<u>ITEM 4</u>**

Jifdal ghalhekk item 4 – *Activities* – msemmija f’DOK JB1 fl-ammont ta’ €143.26 (LM61.50). A fol 16 tal-process, it-Tribunal isib l-lista ta’ attivitajiet, relatati principalment ma’ attivitajiet sportivi li l-minuri ha sehem fihom. Ghall-istess spejjes, l-attrici ppresentat l-ircevuti relattivi. Minn naha tieghu, il-konvenut jirritjeni illi spejjes simili mhux msemmija fil-kuntratt ta’ separazzjoni u mkien mill-kuntratt ma jirrizulta illi tali spejjes huma obbligu tieghu.

It-Tribunal jifhem il-hsieb tal-konvenut illi l-kuntratt ma jsemmix illi l-ispejjes ta’ attivitajiet simili ghandhom jithallsu minnu.

It-Tribunal sejjer b’dana kollu jazzarda jaghti interpetazzjoni wiesa` tal-kelma “*education*” fil-klawsola 2 (vii) tal-kuntratt, u in kwantu illi l-istess klawsola issemma diversi items bhal tuition, school transport, books u stationary bhala “inkluzi”, b’dana kollu ma teskludix attivitajiet u spejjes ohra relatati ma’ l-izvilupp edukattiv tal-minuri.

Fid-dawl tal-hsieb modern tal-izvilupp edukattiv tat-tfal, it-Tribunal ihossu komdu ghalhekk jaghti interpretazzjoni

wiesa`, gja la darba il-lista msemmija fl-istess klawsola mhix ezawrenti imma hija intiza biss biex tinkludi l-hemmhekk msemmija items u mhix teskludi ohrajn, illi jinkludi attivitajiet sportivi bhala parti mill-izvilupp edukattiv tal-minuri – u allura bhala parti mill-ispess edukattivi tal-minuri tal-kontendenti.

F'dan il-kuntest ghalhekk, item 4 – Activities – fl-ammont ta' €143.26 (Lm61.50) sejra tigi akkolta u t-Tribunal sejjer jikkundanna lill-konvenut ihallas din l-**item 4**.

Ghaldaqstant, it-Tribunal wara li sema` x-xhieda kollha prodotti, ra d-dokumenti kollha esebiti, ra n-noti tal-partijiet u ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` t-talba attrici limitatament fis-somma ta' €635.06 (Lm272.63) u filwaqt illi jilqa` l-eccezzjonijiet numri 1, 2, 6 u in parti 3 u 4 tal-konvenut, jichad l-eccezzjoni numru 5 u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici is-somma ta' €635.06 (Lm272.63).

Bl-imghax fuq is-somma likwidata mid-data tal-presentata ta' l-Avviz u bl-ispejjes ta' din l-istanza li ghandhom jinqassmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------